

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Jannar 2013

**dwar in-nominazzjoni ta' tliet membri tal-politika pubblika tal-Bord ta' Sorveljanza tal-Grupp  
Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju**

(2013/C 37/06)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità <sup>(1)</sup>, kumitat tekniku dwar il-kontabilità għandu jipprovi ghajjnuna u għarfien espert lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-istandardi internazzjonali tal-kontabilità. Ir-rwol ta' dak il-kumitat tekniku dwar il-kontabilità jitwettaq mill-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG).
- (2) L-EFRAG twaqqaf fl-2001 minn organizzazzjonijiet Ewropej li jirrapreżentaw lill-emittenti, l-investituri u l-professjoni tal-kontabilità involuti fil-proċess ta' rappurtar finanzjarju.
- (3) Il-Bord Superviżorju tal-EFRAG jinkludi erba' membri tal-politika pubblika spċifikament magħżula abbażi tal-esperjenza tagħhom fit-tfassil ta' politika pubblika fil-livell nazzjonali jew dak Ewropew. Skont it-Taqsima 3.2 tal-Appendiċi 1 għall-Istatuti tal-EFRAG fis-seħħ mill-11 ta' Ġunju 2009, hija fir-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tinnomina lil dawn il-membri tal-politika pubblika. Il-membri tal-Bord Superviżorju tal-EFRAG jinħatru mill-Assemblea Ġenerali tal-EFRAG.
- (4) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-26 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni tat is-setgħa lill-Membri tal-Kummissjoni biex ikun responsabbi mis-Suq Intern u s-Servizzi, biex

fisimha u taħt ir-responsabbiltà tagħha jadotta miżuri għan-nomina ta' membri tal-politika pubblika tal-Bord ta' Sorveljanza tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) għal mandat sħiħ fil-qafas tal-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 <sup>(2)</sup>.

- (5) Wara sejħa pubblika għall-applikazzjoni <sup>(3)</sup> il-Kummissjoni għaż-żejt tliet kandidati biex jiġu nnominati bħala membri tal-politika pubblika fuq il-Bord ta' Sorveljanza tal-EFRAG,

IDDECIDIEK KIF ġE:

Artikolu waħdieni

Il-Kummissjoni b'hekk tinnomina lill-persuni li ġejjin biex jinħatru bħala membri tal-politika pubblika fuq il-Bord ta' Sorveljanza tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju.

Carlo BIANCHERI

Adriana DUTEȘCU

Carlos SORIA SENDRA

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Jannar 2013.

*Għall-Kummissjoni  
Michel BARNIER  
Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

<sup>(2)</sup> SEC(2010) 229; PV(2010) 1907 finali tat-3 ta' Marzu 2010 il-punt 14.5.

<sup>(3)</sup> ĠU C 93, 30.3.2012, p. 32.